# IL-KOLLEGGI TAT-TERRA SANTA

"Il-ħsâd kbîr, imma ftît huma l-ħassâda!" Dan huwa kliem li qal Sidna Ġesù Kristu meta kien fid-dinja, u li għadu tajjeb xorta waħda għaż-żmien tal-lum, l-aktar fejn imiss lil Palestîna, jew it-Terra Santa.

Jista' jkûn li n-nisrani li jaħseb fit-Terra Santa, u f'dawk l-Imkejjen, imqaddsa bil-ħajja ta' Ġesù fid-dinja, u li jħoss f'qalbu mħabba li ma tistax titfisser għal dik l-Art xortiha tajba, ma jifhemx sewwa kemm hi kbîra ċ-ċaħda u kemm hu sħîħ il-għaqal li jeħtieġu Ulied san Franġisk biex iżommu jixgħel id-dawl tat-Twemmîn Nisrâni sewwa-sew f'dik l-Art fejn id-Din Nisrani nibet u trabba; u anqas fil-wisa' u l-medda tal-artijiet li fihom irîdu jwettqu x-xogħol, ta' Missjunarji, tagħhom.

Biż-żejjed li wieħed jaħseb li l-Istât ta' Israel, il-Ġordanja, Ċipru, is-Surija u Libnân u l-Eġittu t'isfel huma l-artijiet fejn il-Kustôdja tat-Terra Santa tħaddem ħidmietha ta' wisq għamliet, biex jasal li jifhem, imqâr ftît, kemm dax-xogħol huwa kbîr. Biż-żejjed li wieħed jaħseb li dil-ħidma tal-Missjonarji Franġiskâni trid issir fost il-Misilmîn u x-Xismâtki, biex wieħed jifhem imqâr ftît kemm dan ix-xogħol huwa *deli-kât*, u kemm jeħtieġ deħen u reqqa, u kemm huwa tqîl, u biex iseħħ kemm jitlob twemmîn kbîr u sabar bla tarf, u twaqqît u għaqal fil-għażla!

Mela tassew, bħal ma qal Ġesù: "Il-ħsâd huwa kbîr . . . . !" Imma kemm huma, min huma, u x'inhuma l-ħassâda?

Ir-Rhieb Missjonarji tat-Terra Santa, huma qishom ħames mija. Ħames mija, bejn saċerdôti u Lajki, li ġew minn kull naħa tad-dinja. Dan il-għadd, imqabbel mal-ħtieġa, huwa għadd tassew żgħir, imqâr jekk il-ħeġġa mixgħula, u l-agħnîd kbîr, li jkabbru l-qalb tal-Missjonârji, iżidu bi żjieda tal-għâġeb ix-xogħol ta' kull wieħed minnhom, u jekk tkun hemm, li tagħmel tajjeb, il-għajnûna t'Alla, li ma tistâx tonqos. Fil-qiegħ ta' kollox, hemm, imbagħad, il-*formazjoni*, sħiħa, *reliġjuża* u *soċjali*, li tingħâta fil-Kolleġġi Fran-ġiskani. Dawn il-Kolleġġi huma l-ħmiemel ta' hemma kbîra, fejn jit-rabbew u jitħejjew il-ħaddiema fil-għalqa t'Alla, li fuqhom il-Kustôdja tgħasses, bil-biża' u t-tama, għax minnhom irîdu joħorġu l-dirgħajn, sħiħa u ġodda, għax-xogħol ta' Mis-sjonârji, u l-qlûb żgħażagħ u mix-għula, li lilhom ikûn fdât ix-xogħol, li jrid jibqa' sejjer fiż-żmien li ġej, u jitkattar, fil-Missjonijiet li l-Knisja rħiet f'idejn il-Kustôdja Franġis-kana.

Kemm hûma, u fejn hûma l-Kol-leġġi tat-Terra Santa?

Kulleġġ minnhom trewwem sew-wa-sew f'Ruma, imma f'qasîr żmien ċkien wisq, u ma satâx jasa' s-sub-jien kollha li talbu li jidħlu fih. Għalhekk ftît ilu kellu jaqsam ix-xogħol ma' Kulleġġ ieħor li jinsâb f'belt jisimha *Città del Castello*, fl-Umbrija. Kulleġġ ieħor jinsâb fil-Palestîna, qrîb raħal żgħir tal-Misilmîn, li n-nies ta' hemm igħidulu Qubejbe, imma l-Franġiskâni jsibuh bl-isem ta' Emmaws. Ma jistâx jinsâb imkien ieħor bit-tifsîr ta' ismu aktar jaqbel għal min ikûn jitħejja biex jidħol mal-għadd tal-Magħżulin t'Alla, minn dan l-imkien in-nifsu, li

kien xheda tad-dehra ta' Ġesù liż-żewġ Appostli, imniktîn u sogħbiena biex l-Appostli taż-żmien li ġej jie-ħdu s-saħħa u l-għafja, li dejjem jeħtieġu, l-aktar f'ħinijiet ta' xogħli-jiet tqâl, u jidraw iħossu li l-Imgħal-lem Divîn ikun ma' ġenbhom f'tul it-triq, biex jixgħel fihom it-twemmîn u jkattar it-tâma, u jwassalhom fit-temma.

Lixandra wkoll għandha Kulleġġ li fih jinġabru s-subien li jħossu rwieħhom imsejħîn għal ħidma t'Alla, fl-Art tal-Fargħûni. Dan, aktar donnu għandu jissejjaħ Pre-Kulleġġ, għax fîh ikûnu magħżula u magħrbûla, l-ewwel is-sejħa, u mbagħad ukoll il-ħîla u l-moħħ tas-subien, għax dan ukoll huwa marbût ħâġa waħda mas-sejħa tagħhom.

Pre-Kulleġġ ieħor huwa dak ukoll li jinsàb f'Harissa, li hija rokna fir-Republika ta' Libnân, imqiegħed taħt il-ħarsien tal-Madonna.

Hawn jeħtieġ li tistaqsi l-mistoq-sija: "Kif jista' wieħed jgħin il-Kulleġġi, li minnhom joħorġu l-Missjonarji ġodda tat-Terra Santa?" U tingħata t-tweġiba: hemm xorta ta' għajnuna qawwija li tiltaħaq minn kull ħadd, li hija t-talb, magħmûl u maħmûl, biex il-Mulej dejjem iqajjem sejħiet ġodda, bħala żerriegħa, ta' Missjonarji għal quddiem. U hemm wast ieħor: li wieħed jgħarraf li jinsâbu dawn il-Kolleġġi tat-Terra Santa, jew jitkellem ma' mîn, li għal kemm iħoss fih is-sejħa biex isîr Missjonarju, għadu ma jafx kif għandu jagħmel biex jilħaq il-għan tiegħu. Ġesù Kristu, li ħadd daqsu ma jħallas tajjeb lil min jaħdem għalih, iħallas kif jaf hu, lil dawk li jgħinuh isib il-ħassâda biex jaħsdu l-għalqa t'Alla, u hekk jitnaqqas id-diq li jidher fil-kliem Tiegħu, li hu wisq minnu, li: "Il-ħsâd kbir, imma ftit huma l-ħassada!".

FRA STIEFNU XARA O.F.M.

# IZ-ZARBUN TAL-WAZIR

Luqman il-Ħakim kien l-aktar raġel għaref, imweġġaħ u tajjeb ta' żmienu. Għandu kienu jmorru b'qalb-hom qawwija dawk kollha li kienu jeħtieġu xi raj, jew parir, jew għaj-nuna, għax Loqman kien jilqa' bil-ferħa lil kull min kien imur għandu. Kien jisimgħu u jsabbru, u wara li jaħsibha sewwa jagħtih raj, tajjeb u għaref, u jgħidlu x'għandu jagħmel biex jeħles minn dak il-għawġ, ikun, x'ikun, li kellu.

Loqman kien fqir ħafna, imma qatt ma ried jieħu xejn bħala ħlas tal-ġid li kien jagħmel lill-oħrajn. Għalhekk il-fama tiegħu, naqra naqra xterdet, għaddiet l-iġbla u l-ibħra, u waslet f'widnejn is-sultan. Dana meta sama' bih, u għaraf sewwa li dak li kienu jgħidu n-nies fuqu kien minnu, bagħat għalih, ħalli jaraħ u jkellmu.

Loqman, malli wasal quddiem is-sultan, sellimlu. Is-sultan qegħdu bil-qegħda ħdejh u qallu: "Ara, jien smajt bik u bil-għerf u t-tieba tie-għek, għalhekk sa naħtarek, minn issa, bħala Ważir tiegħi,u nagħtik is-setgħa fuq l-artijiet tiegħi kollha. Il-għerf u t-tieba tiegħek irridek tinqeda bihom biex teqred mis-saltna tiegħi il-ħaxix ħażin li jinsab fiha. Jiġifieri, l-inkejja, il-moħqrija, serq, tnassis u qtil......" għalhekk Loqman mill-ewwel tagħa ruħu għax-xogħol u f'qasir żmien bis-sabar u l-għanid